# L-Ismijiet tat-Toroq tal-Ġzira



Bernard Scicluna

*Cameron, Stuart, Reid, Manoel, Ġanni Bencini, Turu Rizzo, Carlo Manche' u Giacinto Tua, huma wħud mill-ismijiet tat-toroq li nsibu fil-Gżira. Imma min kienu dawn in-nies? Għala ssemmew it-toroq għalihom? X'rabta kellhom mas-subborg tagħna?*

Sa ftit tas-snin ilu ħafna tabelli fi truf ta' kull triq, qajla kienu jagħtu indikazzjoni jew ġieh lil dawk in-nies li għalihom kienet imsemmija t-triq. Meta, bis-saħħa tal-Kunsill Lokali nbidlu t-tabelli, sirna nafu li Sir James Cameron, Sir Patrick Stuart, Sir William Reid, Sir Henry Bouverie, u Sir Fred C. Ponsomby kienu Gvernaturi ta' Malta. Sir Samuel Coleridge kien Segretarju Pubbliku ta' l-ewwel gvernatur Sir Alexander Ball, kollha xiehda taż-żmien meta pajjiżna kien taħt l-Ingliżi.



Il-Kappillan Carlo Manche'

Barra dawn, insibu ismijiet ta' benefatturi jew nies li ħadmu għall-poplu Gżirjan u għal dak Malti, u li baqgħu mfakkra għal għemilhom.

Il-Kappillan Carlo Manche', forsi l-aktar benefattur li baqa' jissemma', kien twieled il-Belt Valletta fl-1905. Huwa ġie ordnat saċerdot fl-1928, u maħtur Kappillan tal-Gżira fl-1935. Ma' l-ewwel kompla x-xogħol tal-bini tal-knisja li kien fi stat avvanzat u li kien bdieh qablu l-Kappillan Dun Anton Manche'. Dun Carlo kien umli, twajjeb, u enerġiku fl-istess waqt u baqa magħruf għall-karita' u l-ħidma pastorali kbira li wettaq f'ħajtu. Huwa miet f'Novembru ta' l-1975 u għall-funeral tiegħu attendiet folla enormi. Triq l-Oratorju, dik li tmiss mal-ġenb tal-knisja, kif kien xieraq, inbidlet u ssemmiet għalih.



Carmelo Scicluna O.B.E.

Carmelo Scicluna, (jew aħjar is-Sur Meme', kif kien magħruf), twieled tas-Sliema f'Awissu, 1887, u kien il-bniedem li ħa ħsieb jibni l-"Empire Stadium". Dal-grawnd għal-logħob tal-ballun u kull attivita' sportiva oħra, għal bosta snin kien iċ-ċentru sportiv nazzjonali. Is-Sur Meme' jibqa' wkoll magħruf għall-għajnuna kbira li kien jagħti lill-Għaqdiet Reliġjużi u t-tfal u l-familji fil-bżonn. Huwa miet f'Diċembru ta' l-1952 u għalih issemmiet Pjazza Meme' Scicluna fejn hemm il-Poliklinika tal-Gvern.



Turu Rizzo

Turu Rizzo kien sportiv kbir Malti, sinonimu ma' l-għawm fit-tul u tlielaq tal-baħar. Huwa twieled tas-Sliema fis-sena 1894. F'Settembru ta' l-1928, huwa kien l-ewwel Malti li kiser ir-rekord tad-dinja billi dam fil-baħar 57 siegħa u 17-il minuta. Rekord li kiser hu stess sentejn wara, meta dam 68 siegħa u 18 -il minuta. Huwa għam bejn Marsalforn sa Għar id-Dud, u kellu jħassar l-għawma minn Sqallija għal Malta (60mil/96km) minħabba l-maltemp meta kien jonqsu l-aħħar 10 mili. Huwa miet f'Mejju ta' l-1961.

Luqa Briffa kien jagħmel sehem mid-Dejma Maltija fi żmien ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Huwa kien gwerrier qalbieni, imħarreġ sewwa fil-ġlied bl-armi u fl-irkib taż-żiemel. Xogħol id-Dejma kien li tgħasses u tiddefendi x-xtut u l-kosta ta' Malta mill-ħbit tal-furbani u l-flotta Torka.

Mattew Pulis kien membru ta' għaqda sigrieta li ħadmet fil-konġura biex Malta teħles mill-ħakma tal-Franċiżi. Immexxija mill-qalbieni Dun Mikiel Xerri, dawn il-qalbiena kienu kkomplottaw biex f'Jannar ta' l-1799, jidħlu l-Belt Valletta, jaħtfu l-armi u jeħilsu darba għall-dejjem mill-barrani. Mattew, flimkien ma' Dun Mikiel u 43 oħra, inkixfu u ġew iffuċilati f'Misraħ il-Palazz, fejn illum hemm il-monument b'tifkira għalihom.


**MAIN STORE**

**116, Triq Cameron Gzira GZR 02**
**Tel: 21 315567 - Mob: 9947 7103**

Żebbug - Fażola - Ġbejniet - Kapunata - Bigilla - Qaqoċċ - Qarnit - Tadam -Mushrooms - Coleslow - Gobon Maħkuk - Żebbuġ bil-Herbas - Feta Cheese - Kapunata tuna

**Proprietor: G. Xuereb**






Prop Clyde Pace

**1, Sliema Road, Gzira**
**Tel: 2700 9238**
**Mob: 7944 6199 - Mob:7944 7318**

*JIXTIEQU L-FESTA*
*T-TAJBA LILL-GZIRJANI KOLLHA*

***With every Blow Dry***



Ganni Bencini

Ġanni Bencini twieled il-Belt Valletta f'Marzu ta' l-1889. Flimkien ma' ħdax oħra, Ġanni kien waqqaf il-Partit tal-ħaddiema fl-1920, u kien ġie maħtur l-ewwel segretarju ta' dak li maż-żmien kellu jkun il-Partit Laburista. Imma s-Sur Ġann kien ukoll sportiv. Fl-istaġun ta' l-1931-32, huwa kien waqqaf it-tim tal-futbol ta' San Ġiljan – "Melita Amateurs", l-ewwel tim Malti ta' plejers dilettanti. Dawn kienu rebħu l-F.A. Trophy fl-istaġun 1938-39, meta rnexxielhom jgħelbu lis-Sliema Wanderers 4-0. Is-Sur Ġann miet f'Diċemru ta' l-1981 meta kellu 92 sena.



Giacinto Tua

Giacinto Tua, sa minn żogħżitu kien mogħti għall-kitba. Kien kittieb tal-palk u ħoloq madwar 20 dramm (kitbiet bit-taljan li wara nqalbu għall-Malti) u diversi artikli għall-gażżetta "Il-ħmar". Giacint kien waqqaf il-Kumpanija "Les Amateurs" li rreċtaw diversi drabi fuq il-palk tat-Teatru Rjal, dak tat-Teatru Manoel, u f'ħafna swali ta' l-irħula Maltin. Kien mgħallem il-vjolin, kellu vuċi tajba ta' tenur, u kapaċi jilgħab il-futbol u l-billjard. Huwa miet f'Marzu 1949.

**John's Butcher**

**79, Fleet street, Gzira – Tel: 21317568**

Anthony Bonavia – Proprietor

**Fresh & Frozen Meat**

Ta' Tereza Dolceria

**Ponsonby street Gzira**

**Tel: 21340193 - Mob: 99470993**

**Jixtiequ l-Festa t-tajba lill-Gzirjani kollha**

Edgar Bernard kien Amministratur tal-Kolonja Ingliża u suldat fis-Servizz Militari. Twieled f'Malta fl-1886. Qatta' servizz twil barra xtutna u wara li għadda l-istudju tiegħu ġewwa l-Ingilterra kien ġie mibgħut is-Sudan bħala Segretarju tal-Finanzi, u wara, mogħti l-unur ta' "Pasha" ġewwa l-Eġittu. Fl-1923 irtira mis-servizzi Ingliżi u ġie joqgħod f'"Villa Portelli", dik li hemm fil-bidu ta' Triq d'Argens, faċċata tas-Savoy Hotel. Huwa ġie wkoll maħtur Kummissarju għall-Iscouts ta' Malta fejn, flimkien ma' martu, ħadem u għen kemm felaħ għaż-żgħażagħ imseħbin f'din l-għaqda tant edukattiva. Huwa miet f'Lulju tal-1931.

Turu Colombo kien tabib Slimiż li twieled fl-1905, u li aktar tard kien ġie joqgħod il-Gżira, fi Triq d'Argens. Taħt it-tmexxija tat-tabib Pawlu Boffa, fl-1947 ġie maħtur Ministru tal-Finanzi tal-Gvern Laburista. Fl-1951 ħalla l-politika u daħal novizz u wara fil-1953 sar saċerdot ma' l-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani, bl-isem ta' Patri Ferdinandu. Sentejn wara mar l-Awstralja ma' grupp t'emigranti u ġewwa Sydney għen lil madwar 16,000 Malti kemm spiritwalment kif ukoll soċjalment. Lura f'Malta fl-1974, Turu miet fi Frar ta' erba' snin wara.

Il-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, kien sinjurun li fi żmienu kien għamel ħafna karitajiet, kemm mal-poplu, kif ukoll ma' l-għaqdiet reliġjużi. Huwa kien twieled il-Belt Valletta f'Novembru ta' l-1886. Triq Moroni li ssemmiet għal parti minn ismu (fil-fatt, f'tas-Sliema ftit 'il bogħod hemm Triq Viani, u l-Imsida insibu Triq Testaferrata),


NATHAN'S HI-FI



HI-FI - T.V. - LCD & PLASMA - SATELLITE SYSTEMS
AIR CONDITIONERS - PLAYSTATIONS - MOBILES

€430 - LM185

*Prop: John Frendo*

Mobile Start from €42 – LM18

1, MANOEL DE VILHENA STREET, GZIRA.
TEL: 21311131 - Mobile: 9945 3393

Sterling Car-Rentals Ltd.

CAR - HIRE • CAR SALES • CAR REPAIRS

Tel: (356) 21 332 517, (356) 21 332 556, Fax: (356) 21 313040
e-mail: autorent@maltanet.net - sterling@maltanet.net
Enrico Mizzi Str, Msida, Malta

mhix mibnija fuq il-propjeta' tal-Baruni, imma l-art qiegħda ftit l-isfel. Il-Baruni miet f'Marzu 1958 fid-dar li kellu Raħal Ġdid.

Nazju Ellul kien patrijott Malti mill-Birgu, li għex fi żmien il-Franċiżi (bejn 1898 u 1900) u li kien jaħdem ta qaddief f'tal-Pieta'. Minkejja li ħadem biex jittkeċċew il-ħakkiema, huwa ġie mressaq minn sħabu quddiem il-Qorti Franċiża u mixli bħala traditur u spjun, fejn ingħata s-sentenza tal-mewt. Huwa ġie xkubettjat f'Misraħ it-Turretta, ġewwa Sta. Venera (fejn kien hemm l-Iskola Umberto Calosso), fi Frar ta' l-1799. Wara mewtu, il-Maltin indunaw li mhux talli Nazju Ellul ma kienx spjun, imma kien eroj qalbieni.

Il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena, kien twieled ġewwa Lisbona, l-Portugall f'Ġunju ta' l-1663, u f'Ġunju ta' l-1722 ġie elett Gran Mastru ta' l-Ordni. Peress li kien iħobb ħafna l-kultura bena t-Teatru Manoel, ġewwa l-Belt Valletta. Fuq il-ġżira li ssemmiet għalih, (u li minnha ħa l-isem is-subborg tagħna), bena fortizza biex tħares kontra kull għadu. L-istatwa artistika li tfakkarna fih u li kienet tinsab fil-fortizza, tpoġġiet l-ewwel ġewwa Misraħ ir-Reġina, u wara ittieħdet il-Mall. Illum tinsab ħdejn l-Istitut Kattoliku. Huwa miet f'Diċembru, 1736.




365 online

APS bank Internet Banking

*A fast, flexible and convenient way of keeping in touch with your bank account any time of the day, any day of the year.*

**ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO**

**Tel: 2122 6644** **www.apsbank.com.mt**

*APS Bank Ltd is licensed by the Malta Financial Services Authority*

APS bank

THE BANK YOU WANT US TO BE

Il-Kavallier Chev. Boyer d'Argens kien bena villa fil-quċċata (fejn hemm Triq Belvedere u Triq Cuschieri u li għadha hemm sal-lum), għall-ħabta ta' l-1780. Din it-triq twila u mportanti, kienet saret mill-Gvernatur Sir Patrick Stuart fil-1845, u li mill-Imsida kienet tieħu sa tas-Sliema. Din l-unika triq f'Malta li baqgħet bl-isem Franċiż (Rue d'Argens) u għall-ewwel kien jisimha Triq San Ġiljan.

Triq San Albert, għalkemm imsemmija għall-qaddis, ta' min jgħid li kienet ukoll b'dedika għas-Sur Bert Grixti li kien ħa hsieb jibni l-knisja li hemm f'din it-triq u li hi ddedikata lil Ġesu' Redentur. Huwa bena wkoll kunvent lis-Sorijiet Agostinjani u li, snin wara, fetħu l-Iskola Santa Monika, fi Triq Ponsonby.

Huwa ta' ġieħ għalina l-poplu Gżirjan, jekk inkunu nafu l-istorja tal-Parroċċa u tas-subborg, dwar il-bini, it-toroq u l-pjazez li minnha aħna nagħmlu parti.


# Mark Angelo Pace

Supplier of:
Plastic & Paper Bags, Grease Proof Paper,
Brown Paper Reams, Refuse Bags, Plastic & Jablo Trays,
Plastic & Jublo Cups, Straws,
Printing on Paper & Plastic Bags, Etc...

"Notre Reve" 28,
Triq il-Feniċi
Mosta MST 05

Tel: 21410592
Mobile: 9947 4085
Fax: 21418867
e-mail map1728@onvol.net

# Ronnies Marine Centre

**We specialize** in replacement spare parts to fit Volvo Penta, Johnson, Evinrude, Yamaha, Mercruiser and many others.

Replacement of marine filters to fit most marine engines, Steering and Control Systems, Paints and Antifouling, Fuel Tanks and Fittings.

**Agents for:** Sevylor Dinghies – Lombardini
Engnes 10hp – 50hp – Saab Marine Diesel 10hp – 250hp
New Range of ATVs
**Also available** Many other fittings accessories for the Boating Entusiast.

**"Where after sales is second to none"**

1, Marie Louise Buildings, Garden street, Gzira. Tel: 21319338 fax: 21318873 Mobile:+356 99495921

Website: www.ronniesmarinecentre.com - Email: ronniesmarine@waldonet.net.mt